## KONKORS GĦAL GĦANA POPOLARI B'L-MALTI.

Il-«Qawmien Malti» iniedi Konkors għal *Għana Popolari Malti,* taħt dawn il-Kondizzjonijiet :-

1) Il-għana jrid ikun akkumpanjat mill-mużika.
2) Il-għana ma jridx ikun itwal minn 40 vers.
3) Il-għana jrid jkun popolari, ferrieħi, faċli biex jiġi mgħallem.
4) Il-mużika trid tkun faċli u tal-widna, u jekk jista' ikun oriġinali.
5) Il-kittieba tal-għana u tal-mużika jistgħu jkunu tnejn minn-nies differenti.
6) Kemm il-għana kif ukoll il-mużika li jintbagħatu għall-Konkors jsiru proprieta tal-*Qawmien Malti,* iżda jekk kemm il-darba dawn jiġu ippublikati u jinbiegħu l-kittieba jkollhom jedd għall-nofs il-qliegħ.
7) Jingħataw tliet premjijiet għall-għana u tlieta għall-mużika.
8) Iż-żmien tal-Konpetizzjoni jagħlaq fit-30 ta' Mejju 1944
9) Il-kittieba għandhom jużaw *Nom de Plume.*
10) Id-deċiżżjoni tal-eżaminaturi hija aħħarija.

*Jingħata tagħrif aktar il-quddiem fejn għandhom jintbagħtu l-għana u l-mużika mill-konkorrenti*

*W. Zahra*
Segretarju Ewlieni

# KULL DENI HUDU B'ĠID

Wara nofs in-nhar ta' ġurnata kerha ta' Frar. Is-sema mgħajjeb, l-arja mċajpra, is-sħab lewn il-kubrit. Kull fejn tħares dwejjaq u tiġrif u ħerba; imkien xaqq dawl, imkien fewġa ta' faraġ; taqtigħ il-qalb u biża' kienu jaħkmu fuq in-nies, kull fejn wieħed idawwar għajnejh ma kienx jil-maħ ħlief dwejjaq u swied il-qalb: it-tfal ħiemda, l-irġiel ħosbiena, in-nisa mbikkma. Malta kienet maħkuma minn niket kbir u qlub il-Maltin kienu donnhom iddakkru mill-hemm li kien isaltan fuq din il-Gżira.

Fil-Ġnien tal-Mall iltaqgħu bla ħsieb żewġ żgħażagħ li għalkemm ma xtaqux jaraw lil xulxin, mill-leħħa li feġ-ġet f'għajnejhom u mil-fawra li telgħet għal wiċċhom, wieħed sata jaħseb li qlubhom ma kienux jistmellu lil xul-xin. Għall-ewwel bħal infixlu u baqgħu bejn ħaltejn jekk jieqfux ikellmu 'l xulxin jew jekk isellmux biss u jibqgħu sejrin, iżda mbagħad iż-żagħżugħ donnu rebaħ lilu n-nifsu, bexxaq fommu fi tbissima ħelwa, resaq fuq it-tfajla u qa-lilha bi ħlieqa :

«Hawn x' qiegħda tagħmel waħdek? Qiegħda tgħodd il-weraq li fihom ix-xtieli!».

It-tfajla bħal infixlet u ma għarfetx twieġeb; hu raġa' qal: «Aħjar ma titbiegħedx mix-xelter, Ineż! Il-lum dawn l-egħfiered tal-ajru ġejjin u sejrin!»

Ineż qrat f'għajnejn iż-żagħżugħ il-ħrara li biha qalbu kienet tħabbat għaliha u wiġbitu: «Tħajjart noħroġ nagħmel passejn wara l-ikel, Bert. Kemm iddum imkenna fix-xelter? Bertu deher imħasseb imbagħad staqsa: «X' fettillek ħriġt waħdek ?».

Ineż dehret imħawda għal din il-mistoqsija u biex tbiddel il-kliem staqsietu: «Int fejn sejjer, Bert?» «Sejjer l-Isptar għax fl-erbgħa nidħol għassa». «Daż-żmien għand-kom x'tagħmlu intom it-Tobba» «M'hux għalhekk studjaj-na!» u ma l-aħħar kelma t-tifkira ta' l-imgħoddi donnha dallmet ġbin iż-żagħżugħ, għax meta kien għadu student hu w Ineż kienu miġbudin b'imħabba l-aktar safja u qlub-hom kienu jħabbtu għal xulxin bi ħlewwa liema bħalha; iżda mbagħad, ħtija ta' xi bluha taż-żgħużigħa u bla ma jafu sewwa għaliex, bħal intrefgħu minn xulxin, tbegħdu